**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 208/2019**

**Il-Pulizija**

**Spettur (Nikolai Sant)**

**Vs**

**Mohammed Hamdan**

Illum 26 ta' Frar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Mohammed Hamdan, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 21197(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Lulju 2017 għall-ħabta ta' 19:00hrs quddiem l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta;

1. Ħebb għal persuna ta' Joseph Sammut u kkaġunalu offiża ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikah Dr. Julian Grima MD tal-Mosta Health Centre.
2. U aktar talli, fis-17 ta' Lulju 2017 għall-ħabta ta' bejn 18.30 hrs u 19.30 hrs waqt li kien qed jagħmel uzu min vettura DLY 054 fir Triq Garibaldi, Marsa saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u bla kont.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ta' Mohammed Hamdan tas-27 ta' Ġunju, 2019 li wara li rat l-Artikoli 17 u 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-

ewwel (1) u t-tieni (2) akkuża miġjuba fi-konfront tiegħu u kkundannatu multa komplessiva ta' elf Ewro (€1,000) u skwalifikatu milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien tlett (3) xhur.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ordnat l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għal żmien sena (1) fejn il-persuna protetta hija Joseph Sammut.

Rat ir-rikors tal-appellant Mohammed Hamdan, ppreżentat fis-16 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tħassar, tirrevoka u tanulla s-sentenza appellata sabiex tillibera lill-appellanti minn kull ħtija.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji mqanqla mill-appellant jikkoncernaw essenzjalment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta din sabitu hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fejn huwa gie mixli bir-reat tal-offiza hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Sammut u wkoll bir-reat tas-sewqan bla kont u traskurat. Jikkontendi illi gjaldarba quddiemha l-Ewwel Qorti kellha kunflitt fil-provi dan kellu jwassal ghad-dubbju ragjonevoli f'mohh il-gudikant u allura l-appellant kellu jigi lliberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Inoltre jishaq illi l-velocita, li skont il-GPRS li kien hemm

fil-vettura tieghu, kienet ta' 86km/h kienet wahda regolamentari ghal lok fejn sehh is-sinistru mertu ta' dawn il-proceduri fejn ma hemmx abitazzjoni u t-triq hija ikkunsidrata bhala *main road.*

Ikkunsidrat:

Illi ezaminati mill-gdid l-atti tal-kawza u dan unikament sabiex din il-Qorti tqies jekk l-Ewwel Qorti setatx ragjonevolment u legalment tasal ghas-sejbien ta' htija ta'l-appellant ghall-akkuzi lilu addebbitati[1], jinghad biss qabel kull konsiderazzjoni ohra illi:

> **"..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux[2]."**

Illi l-fattispecje ta' dan il-kaz huma marbuta ma' argument li sehh bejn l-appellant u l-parti leza Joseph Sammut, bl-ewwel wiehed jipponta subghajh lejn Sammut bhala il-persuna li nstigat u tat bidu ghal dan l-iskontru u bil-parti leza Sammut jitfa' l-htija fuq l-appellant meta jishaq li dan aggredieh minghajr ebda pre-avviz.

Illi fil-verzjoni tieghu tal-fatti Sammut jikkontendi illi fil-jum indikat fl-akkuza huwa kien qieghed isuq fi Triq Garibaldi, meta persuna li kienet qed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DLY054 ġiet minn warajh b' veloċita' eċċessiva fil-mument li hu kien ser qed jaqleb il-karreġjata, tant illi

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

din il-vettura impedietu milli jagħmel din il-manuvra. Jidher illi Sammut eventwalment qarreb vicin l-appellant bil-vettura tiegħu, fejn Sammut ghamillu gest pastaz u ħariġlu s-sebgħa tan-nofs. Wara dan jidher illi kemm l-appellant kif ukoll l-parti leza baqghu sejrin fi triqithom lejn l-ajruport. Issa mil-filmati tas-sigurta' tal-ajruport, li gew elevati mill-pulizija u huma esebieti in atti, u li minnhom l-espert mahtur mill-Qorti Dr. Stephen Farruga Sacco nizzel l-immagini mill-istess, jirriżulta illi wara li l-appellant wasal bil-vettura tiegħu u pparkjaha, niżel minnha u mexa sabiex imur fid-direzzjoni fejn kien jinsab Sammut. Dan jidher javviċinah, jaqbdu minn sidru u jimbottah lejn il-bini tal-Ajruport fejn jidher ukoll qed jaghtih xi daqqiet ta' ponn ġo wiċċu. Fil-fatt gie esebiet ċertifikat mediku mill-Prosekuzzjoni li jiċċertifika li Sammut sofra xi ġrieħi ta' natura ħafifa f'dan l-incident.

L-appellant, izda minn naha tieghu jisħaq illi ma kienx hemm provi sabiex jinstab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan minħabba kunflitt fil-provi għal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuża u mankanza totali ta' evidenza għal dak li jirrigwarda s-sewqan traskurat u/jew perikoluż kif rifless fit-tieni imputazzjoni. Jichaq li kien qed isuq b'xi velocita' eccessiva, jikkontendi li kien Sammut li invada il-karreggjata tat-traffiku fejn kien qed isuq u ghamillu mossa pastaza, u finalment illi wara li wasal gewwa l-ajruport kien Sammut li aggredieh u hu semplicement iddefenda ruhu.

Madankollu wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti, tistqarr minnufih li ma tistax tilqa' l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-appellant. Dan ghaliex il-provi cirkostanzjali li gew imressqa mill-Prosekuzzjoni jaghtu konfort lil verzjoni ta' Sammut u mhux tal-appellant u kwindi gustament l-Ewwel Qorti ma setatx taghti ebda affidament ghal dak li kien qed ighid l-appellant fil-verzjoni tieghu tal-fatti. Dan ghaliex il-verzjoni ta' Sammut hija pjenament kkorroborata mill-filmati li nġibdu mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fejn jidher car u tond li kien l-appellant li nstiga l-iskontru bejnu u bejn il-vittma u dan wara li l-incident li kien sehh aktar kmieni fit-triq kien gie sorvolat u kulhadd baqa' sejjer ghal triqtu. L-appellant izda ried is-

sodisfazzjon, wara li aktar kmieni Sammut kien ghamillu gest pastaz meta l-appellant ma kienx cedielu biex ibiddel il-karreggjata, u ghalhekk hebb ghalih u aggredieh fizikament.

Illi l-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni l-Ewwel Qorti kellha biżżejjed provi sabiex isib lill-appellant legalment u raġonevolment ħati ta'l-istess.

Ikkunsidrat:

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni mputazzjoni, stabbilit illi l-verzjoni tal-parti leza hija dik l-aktar kredibbli l-Ewwel Qorti setghet tistrieh fuq dak li stqarr meta sahaq illi l-appellant kien qed isuq b'veloċita' iktar milli jmiss u li ghalkemm ghamillu sinjali li ried ibiddel il-karreggjata tieghu tat-traffiku, l-appellant baqa' ghaddej bl-istess velocita' minghajr ma ippermettielu jaghmel dan. Illi mid-*data-track* tal-vettura misjuqa mill-istess appellant jirrizulta illi huwa kien qed isuq b'velocita' ta' 86km fis-siegha. L-appellant jikkontendi illi din il-velocita' tinsab fil-limitu stabbilit fil-ligi ghal postijiet fejn ma hemmx abitazzjoni. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dan. Jibda biex jinghad illi skont ir-regolament 272 tal-*Highway Code* il-velocita' regolamentari ta' vetturi f'postijiet fejn ma hemmx abitazzjoni huwa ta' 80km fis-siegha, u fejn hemm l-abitazzjoni din tinzel ghal 50km fis-siegha. Fir-regolament ta' wara u cioe' dak bin-numru 273 hemm dispost:

> ***These are absolute maximum speeds, but there are numerous situations where prudence demands a lower speed in view of road surface and configuration, weather conditions, traffic density and presence of pedestrians or other hazards***

Illi indubitament l-velocita' li biha kien qed isuq l-appellant kienet teccedi anke il-velocita' massima ghal postijiet fejn ma hemmx abitazzjoni. Illi huwa indubitat ukoll illi t-toroq vicin l-Ajruport Internazzjonali huma toroq arterjali u traffikuzi u wkoll fejn jkun hemm attivita' kontinwa ghaddejja minhabba t-traffiku diehel lejn u hiereg mill-ajruport. Dan ifisser allura illi l-

velocita’ kellha tkun wahda aktar prudenti. L-appellant certament ma kienx prudenti fis-sewqan tieghu meta, ghalkemm kien jinsab fi triq arterjali vicin l-ajruport, huwa hass li kellu jibqa’ jsuq bl-istess velocita’ li kien ghaddej biha aktar kmieni, tant illi meta ra vettura qed taghmillu sinjal sabiex tbiddel il-karreggjata, hu ghaddas rasu u baqa’ ghaddej minghajr kont. Illi ghalhekk anke it-tieni mputazzjoni tirrizulta ppruvat u l-Ewwel Qorti setghat kemm ragjonevolment kif ukoll legalment tasal ghal sejbien ta’ htija.

Finalment għal dak li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ma jidhirx li hemm talba ghal varjazzjoni ta’l-istess fir-rikors tal-appell u ghalhekk il-Qorti ma hijiex ser tiehu kont tas-sottomissjoni maghmula oralment quddiemha mid-difensur tal-appellant.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bit-terminu ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan jibda’ jiddekorri min-nofs il-lejl ta’ llum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur